MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2014

Appell Kriminali Numru. 331/2013

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Noel Cutajar**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 41277(M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli meta b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, minn Novembru 2012 sa Marzu 2013, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil Mary Grace Zahra u/jew lil ibnu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-1 ta’ Lulju, 2013, li biha, wara li rat l-artikoli 338(z), 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant hati u ghaldaqstant ikkundannatu xaharejn prigunerija.
Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-appellant.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-8 ta’ Lulju, 2013, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u dan billi tillibera lill-appellant minn kull piena u imputazzjoni.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-

Illi fl-ewwei lok. i-esponent huwa bniedem Ii ma jistax jahdem. Dwar dan xehed fid-dettall quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti u anke wera konferma li gie dikjarat inkapaci ghal xoghol xieraq. Sakemm kien ghadu jahdem. l-esponent kien jghaddi l-manteniment lill-kwerelanti regolarment. Ghalhekk l-esponent gie f’kundizzjoni illi ma setax jissomministra aktar manteniment, kif spjega huwa stess.

Illi meta l-ewwel Onorabbbli Qorti ghaddiet biex tinfliggi l-pieni l-esponent ihoss Ii ma qisitx b’mod ragonevoli c-cirkostanzi Ii jinsab fihom l-esponent. Fil-fatt sa Mejju tas-sena 2012, l-esponent kien jahdem bhala xufier mal-kumpanija Arriva. Dan ix-xoghol pero’ ma baqax jaghmlu minhabba li l-impjieg tieghu intemm u dan minhabba ansjeta’ Ii kien qed ikollu fuq ix-xoghol.

Illi sa dak il-punt in partikolari, l-esponent kien dejjem jaghti l-manteniment skond id-digriet tal-Qorti, u dan cioe` minn Settembru tas-sena 2009. Illi izda, rinfaccat b’din is-sitwazzjoni ta’ nuqqas ta’ impjieg, l-esponent beda jsib diflikultajiet kbar sabiex ihallas il-mantenirnent. Iktar minn

hekk, l-esponent huwa marid b'kundizzjoni f'dahru (sciatica) illi ma tippermettilux jahdem, hlief ghal light duties — xoghol dan li l-esponent bir-rispett kollu ma jafx jaghmlu ghaliex xoghlu kien dejjem f'xoghol ta' l-idejn, ivarja minn impjegat rna kumpanija ta' l-ghamara, sa impjegat ma' kumpanija tal-fire places, (fejn kien jipprepara, igorr u jqandel il-gebel), sa anke xufier ta' vetturi kbar. Din il-kundizzjoni gieghlet anke lill-esponent sabiex jigi 'boarded out', kif fuq inghad, kif anke ngibdet l-attenzjoni ta' l-ewwel Onorabbli Qorti.

Illi aktar minn hekk, izda, ghandu jinghad illi l-piena moghtija lill-esponent hija manifestament zbaljata fil-ligi. Dan ghas-segwenti ragunijiet :

i. Ma ngabet l-ebda prova illi l-esponent kien b'xi mod recidiv. F'dan is-sens ghalhekk ma setghetx tinghata piena ta prigunerija kif fil-fatt inghatat, u dan ghaliex skond Artikolu 338 (z) tal-Kap. tal-Ligijiet ta' Malta l-hati jista' jehel piena ta' detenzjoni jew prigunerija fil-kaz li jkun recidiv. Izda l-esponent recidiv ma kienx u allura din il-parti ta' l-Artikolu 338 (z) ma tapplikax ghalih.

ii. Il-piena kienet manifestament zbaljata wkoll ghaliex skond Artikolu 7(2) tal- Kap. 9 tal-Ligijiet ta Malta, ladarba issa gie stabbilit illi l-imputat ma kienx recidiv, ma setghetx tinghata piena ta' prigunerijia.

Illi fil-mertu. ghandu jinghad ukoll illi dwar il-manteniment ta' Marzu 2013 ma setghetx tinstab htija, u dan ghaliex meta l-kwerelanti ghamlet ir-rapport taghha Ii ma thallsitx ghal Marzu 2013, kienu ghadhom m'ghaddewx hmistax il-gurnata mid-data tad-digriet, li nghata fl-erbgha u ghoxrin tax-xahar. Fil-fatt hija marret tirrapporta biss fis-sitta u ghoxrin tax-xahar.

Illi aktar minn hekk, ma setghetx tinstab htija anke minhabba l-fatt illi skond id-digriet il-manteniment huwa pagabbli lil certa "Graziella Zahra" li mhux necessarjament hija l-istess 'Mary Grace Zahra' bhala parte civile fil-kawza odjerna, anzi ma jistax jigi prezunt li huwa hekk. Anke minhabba dan il-kunflitt fl-ismijiet, l-esponent isostni Ii l-akkuza ma tregix.

Rat l-Atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat.

Irrizulta mill-provi illi l-appellant ghandu tifel mill-parti leza Mary Grace Zahra li llum ghandu 9 snin. Permezz ta' digriet tal-Qorti tal-familja l-appellant kien obligat ihallas il-manteniment lil martu ghal dan it-tifel, pero' rrizulta illi bejn Novembru, 2012 u Marzu, 2013 l-appellant naqas li jivversa lil Mary Grace Zahra l-ammont illi kien obligat ihallas. Kien ghalhekk illi l-parti leza ghamlet rapport lill-pulizija li pprocedew kontra l-appellant u b'Sentenza ta' l-1 ta' Lulju, 2013 il-Qorti tal-Magistrat sabet lill-appellant hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkundannatu ghal xahrejn prigunerija.

L-appellant hassu agravat minn din is-Sentenza u minna nterpona appell principalment il ghaliex huwa ma hallasx mhux b'kapric izda 'l ghaliex ma kellux mezzi sabiex jaghmel dan u di piu l-Qorti tal-Magistrati ma setghetx timponi piena ta' progunerija peress li dina tista ssir biss fil-kaz tar-recidiva u ma saret l-ebda prova kontra l-appellant illi fil-fatt kien recidiv.

Ikkunsidrat:

Quddiem din il-Qorti xehdet Mary Grace Zahra fejn dina qalet illi l-appellant ilu ma jaghtiha manteniment ghat-tifel taghha minn Gunju, 2012 u dana nonostante digriet tal-Qorti tal-Familja. L-appellant qalilha illi hu ma jahdimx u ghalhekk ma kellux mezzi biex ihallas, pero' taf illi kien jahdem bhala driver ma l-Arriva u taf ukoll illi saru diversi rikorsi ghal varjazzjoni tal-manteniment li gew michuda. L-ahhar wiehed illi gie prezentat quddiem il-Qorti tal-Familja, dik il-Qorti qalet illi kienet se tiddeciedi dwar il-manteniment fis-Senentenza finali. Sadanittant id-digriet originali fejn l-appellant kien obligat ihallas il-manteniment baqa' vigenti. L-appellant qal illu huwa ghandu ragunijiet medici 'l ghala ma jhallasx il-manteniment u hu jrid jaghtiha pero' ma jistax jiehu decizjonijiet wahdu. Il-mara tahdem fulltime u tista tipprovdi manteniment hi, ma l-

Arriva gie boarded out ghax wegga meta kien qieghed fuq xoghol ta' kostruzzjoni u t-tabib kien qallu illi ma kienx tajjeb ghal xoghol ta' strapazz, pero' mhux li ma kienx tajjeb ghax-xoghol, ilu 5 xhur boarded out u llum qieghed jghix ma ommu. L-appellant jargumenta illi kienet il-Qorti tal-Familja illi hallietu mdendel billi ma haditx decizjoni biex tvarja d-digriet originali tal-manteniment. L-appellant ma spiccax mix-xoghol b'kapric izda ghax wegga u ghalhekk sab ruhu fl-impossibilta illi jwettaq l-obligazzjonijiet tieghu skont id-digriet tal-Qorti tal-Familja u ecepixxa d-difza ta', "ad impssibilia nemo tenetur". Di piu, argumenta illi l-ewwel Qorti ma setghet qatt timponi piena ta' prigunerija peress illi din tista ssir biss fil-kaz tar-recidiva haga li f'dan il-kaz ma rrizultax.

Ikkunsidrat.

Din il-Qorti ta' spiss tigi nfaccata b'pesuni illi jonqsu mill-obligazzjonijiet taghhom sabiex ihallsu l-manteniment skont digrieti tal-Qorti jew stipulazzjonijiet kuntrattwali peress illi ma jahdmux u cioe' li ma jkollhomx mezzi sabiex ihallsu dan il-manteniment. Din il-Qorti dejjem harset lejn din l-iskuza b'suspett u Alla hares naslu f'sitwazzjoni fejn ghax persuna jieqaf mix-xoghol l-obligazzjonijiet versu terzi jigu sospizi b'decizjoni unilaterali ta' l-istess persuna. Hadd ma jista jiehu decizjoni unilaterali illi jwaqqaf manteniment illi jkun gie mpost b'xi digriet tal-Qorti tal-Familja, dan id-digriet jista jigi varjat, mibdul jew sahansitra revokat biss minn decizjoni ohra moghtija mill-Qorti tal-Familja. Din il-Qorti zgur illi m'ghandiex il-kompetenza illi tiddeciedi hi kemm ghandu jkun l-manteniment jew inkella jekk il-parti leza iddekadietx mid-dritt illi tircievi l-manteniment kif ordnat mill-Qorti tal-Familja. Fil-kawza Pulizija vs Anthony Saliba deciza fil-15 ta' Lulju, 1998 il-Qorti ta' l-Appell Kriminali kienet qalet *". . . . Jekk persuna ma tkunx tista thallas il-manteniment ordnat anki f'kaz li persuna tisfa bla xoghol, dan ma jiskuzahiex mill-obligu taghha li twettaq id-digriet tal-Qorti Civili, obligu sancit bir-reat ta' natura kontrovenzjonali illi tahtu hu akkuzat l-appellat. Ir-rimedju li ghandu u li kellu l-appellant kien li jadixxi tempestivament u fi zmien utli lill-Qorti Civili kompetenti*

*biex din, wara li tiehu konjezzjoni tal-provi, tipprovdi billi se mai timmodifika l-ordni dwar il-manteniment. Hu biss wara li jottjenti tali modifika, li jkun jista jhallas anqas jekk ikun il-kaz. Sakemm dana jsir, jibqa marbut bl-obligu tal-hlas skont l-ewwel digriet."* (Ara wkoll Pulizija vs Alfred Camilleri, 18 ta' Settembru, 2002).

L-appellant jghid illi huwa adixxa lill-Qorti tal-Familja sabiex dina tirrevoka jew inkella tvarja d-digriet tal-menteniment, pero' t-talba tieghu baqghet pendenti. Jekk dana huwa l-kaz, huwa ovju illi l-Qorti tal-Familja ma tridx tvarja l-ordni, zgur mhux f'dan l-istadju u skont l-istess appellant lestha li taghmel dan biss fis-Sentenza finali, ghalhekk f'dan l-istadju l-appellant jibqa marbut li jhallas il-manteniment skont id-digriet originali. L-iskuza ta' l-impossibilita ma tistax treggi f'dan l-istadju ghax kien l-istess appellant illi pogga ruhu fis-sitwazzjoni illi ma jkollux introjtu biex ma jhallasx il-manteniment. L-appellant jghid illi huwa wegga fuq ix-xoghol u gie boarded out ma l-Arriva, pero' fl-istess nifs jghid illi t-tobba qalulu illi ma jistax jaghmel xoghol ta' strapazz, pero' dan ma jfissirx li mhux tajjeb ghal xoghol iehor. Ma saret l-ebda prova minn nahha ta' l-appellant illi huwa pprova jsib xi xoghol iehor mhux ta' strapazz.

Ghalhekk l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha setghet liberament u legalment tasal ghal konkluzjoni illi waslet ghaliha u cioe' illi l-appellant kellu jinstab hati ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Ghal dak li jirrigwardja l-piena ta' prigunerija l-Qorti tirrileva illi l-appellant jinstab mixli taht l-Artilku 338Z tal-Kap 9 li hu ta' natura kontrovenzjonali u ghal dawn, oltre l-multa, hemm il-piena ta' ditenzjoni illi tista tigi applikata permezz ta' l-Artiklu 7 u 12 tal-Kap 9. L-ewwel Qorti kkundannat ghal xahrejn prigunerija, din il-Qorti jidhrilha illi f'dan il-kaz forsi hi daqsxejn eccessiva u tista tati lok ghal varjazzjoni.

Ghalhekk il-Qorti jidhirlha illi ghandha tilqa in parti l-appell ta' l-appellant fejn filwaqt illi tikkonferma l-ewwel Sentenza fejn sabet htija, tirriformaha ghal dak li jirrigwardja l-piena

u miflok piena ta’ xahrejn prigunerija tikkundanna lill-appellant ghal piena ta’ xahar ditenzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------